Ref: 6/6/194/12

**Minuti tal-Laqgha Nru 6 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivvi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-knisja, Paola nhar il-Hamis 2 ta' Awissu 2012. Il-laqgha bdiet fil-5.30pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Vici-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Raymond Attard, il-Kunsillier Steven Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch, il-kunsillier Tyrone Muscat u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

**1) Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru .5 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Korrezzjonijiet**

1.2.1 – Re: Item 1.3 – ghandu jizdied il-kliem "Sinjura Myriam Micallef".

1.2.2 – Re: Item 1.15 – ghandu jizdied il-kliem "Il-Vici-Sindku qal li fil-legislatura ta' qabel, il-Kunsill halla l-flus ghal pagamenti kollha li kienu ta' dik il-legislatura kif ukoll €75,000 cash".

1.2.3 – Re: Item 2.1 – ghandu jizdied il-kliem"Il-Kunsill accetta t-talba ta' TM".

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru.5 tas-Sitt Legislatura Nru 1**

1.3 - Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Minuti tat-Tkomplija tal-Laqgha Nru.5 tas-Sitt Legislatura Nru 3**

1.4 – Dawn il-Minuti gew approvati nem.com.

**Korrezzjonijiet**

1.4.1 – Re: Item 2.2 – ghandu jizdied il-kliem "jarmaw *stand* ghal *fundraising*".

1.4.2 - Re: item 2.17 – ghandu jizdied il-kliem "Hu qal li ghalkemm jifhem lir-residenti, ma nistghux immorru kontra dak li tghid il-ligi u ghalhekk ser nipprocedu skond il-pariri tal-avukat".

**Materji Konnessi**

1.5 - Re: Item 2.15.1 – Ittra minn TM - Is-Sindku qal li kellu laqgha mas-Sur Josie Brincat.

1.6 – Re: Item 2.8 – Ittra minn Scouts tal- Marsa – Is-Sindku qal li ktibna ittra u dawn ma ghadhomx interessati.

1.7 – Re: Item 2.7 – Ittra mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern dwar Re: Pace Grasso Ground, Triq Guze' D'Amato, Paola – Is-Sindku qal li kien hemm zball fil-kontijiet tal-meter.

1.8 – Re: Item 2.12 – Ittra mill-Physically Handicapped Rehabilitation Fund – Is-Sindku staqsa jekk ntbaghtitx l-ittra. Is-Segretarju qal li ntbaghtet.

1.9 – Re: Item 2.13 – Ittra mill-MEPA – Is-Sindku qal li l-MEPA tawh id-data biex issir il-laqgha maghhom jew nhar l-Erbgha 8 t'Awissu 2012 jew nhar il-Gimgha 10 t'Awissu 2012. Hu zied jghid li ser ikellimhom fuq *boundary walls* u fuq tat-torrijiet.

1.9.1 - Il-Kunsillier Attard qal li fil-MEPA, il-persuna li qed tiehu hsieb *boundary walls* hija s-Sinjura Audrey Harrison.

1.10 – Re: Item 2.17.2 – Is-Sindku qal li fil-gimgha li gejja ser jitwahhlu t-tabelli bil-hinijiet tal-*un/loading* tal-forn fi triq il-Qalb ta' Gesu.

1.10.1 – Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-Perit Audrey Testaferrata De Noto fejn ipproponiet xi affarijiet f'din it-triq. Is-Segretarju qara dawn il-proposti. Is-Sindku qal li hu jissuggerixxi li qabel isiru l-proposti, jaghmel laqgha mar-residenti ta' Triq il-Qalb ta' Gesu'.

1.10.2 – Wara diskussjoni, is-Sindku qal l-ewwel ser ikun hemm laqgha mal-Pulizija, mal-Iskola Mater Boni Consilji u wara laqgha mar-residenti tat-Triq.

**2) Korrispondenza**

2.1 – Ittra mis-Sinjura Stephanie Formosa – Is-Sinjura Formosa baghtet ittra dwar *un/loading bay* fi Triq il-Qalb ta' Gesu, Paola lis-Segretarju tal-Bord tal-Governanza u lil Kunsill ukoll. Is-Segretarju qal li din l-ittra kienet ntbaghtet lil avukat tal-Kunsill u llum ntbaghtet ittra bir-risposta tal-avukat lis-Segretarju tal-Bord tal-Governanza.

2.2 – Ittra mill-Produzzjoni tal-Programm Hadd Ghalik – Is-Sur Ryan Schembri baghat ittra lill-Kunsill fejn qed isaqsi lill-Kunsill jekk jafx lil xi persuni li ghandhom xi storja nteressanti jew esperjenza li ghaddew minnha.

2.3 – Ittra mis-Sindku tal-Birgu – Is-Sur John Boxall baghat ittra dwar BirguFEST 2012 li ser isir bejn il-Gimgha 19 u s-Sibt 20 t'Ottubru 2012 fejn qed jitlob permess lill-Kunsill Lokali Paola biex f'dawn il-granet isir *shuttle service* ghac-centru tal-Birgu.

2.4 – Ittra mill-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – Is-Sur Jimmy Magro baghat ittra biex jinforma lill-Kunsilli Lokali Kollha li l-AKL giet infurmata mill-Ambaxxata ta' Malta f'Ruma dwar l-opportunita' li l-Kunsilli kollha ta' Malta u Ghawdex jissiehbu f'din l-entita' msejjha "Borghi Piu Belli d'Italia e Malta", u li xtaqu li jitfghu post sabih f'Malta f'website taghhom.

2.5 – Ittra mis-Sur Lawrence Mizzi - Is-Sur Mizzi baghat ittra dwar l-*bring-in-sites* fi Triq Maria Addolorata, Paola u biex dawn jitnehhew minhabba l-hmieg li jithalla madwarhom.

2.5.1 – Il-Kunsillier Attard ippropona li l-*bring-in-sites* jitnehhew u tinstab *re-location* ghalihom. Wara diskussjoni, il-membri qabblu ma' dan.

2.5.2 – Is-Segretarju nforma lill-kunsill li l-iskip li hemm fejn Paola Wolves, ghadha kemm saret ohra gdida mill-kuntrattur ghaliex din giet mahruqa diversi drabi bil-konsegwenza li l-ispejjes jkollu jehilhom il-kuntrattur.

2.6 – Ittra mill-MP, l-Onor.Silvio Parnis - L-Onor.Parnis baghat ittra fejn qed jitlob permess lill-Kunsill biex issir attivita' nhar il-Gimgha 24 t'Awissu 2012 fil-pjazzetti z-zghar fi Pjazza Antoine De Paule fejn ser iniedi l-kampanja elettorali tieghu waqt serata bl-isem PARNIS SUMMER FAMILY FEST. Wara diskussjoni, sar qbil li jinghata l-permess biex issir l-attivita' bil-kundizzjoni li jithalla l-access ghal Paola Health Centre l-hin kollu w jitnaddaf il-post wara l-attivita'.

2.7 – Ittra mid-Deputat Mexxej tal-Partit Laburista Dr.Anglu Farrugia – Dr.Farrugia baghat ittra ghall-attenzjoni tas-Sindku Roderick Spiteri dwar diversi problemi f'Paola u li din l-ittra tqassmet lir-residenti kollha. Is-Sindku qal li ghandna nahdmu fuq it-*timed parking scheme*.

2.7.1 – Is-Sindku qal li ghandna nahdmu fuq it-*timed parking scheme* u qal li tajjeb li naraw il-linji gwida li hemm il-Floriana, niddiskutu u naraw dwar dan u li tajjeb li naraw x'jista' jsir dwar il-problema tal-*parking*.

2.8 – Ittra mid-Deputat Parlamentari Laburista, l-Onor.Gino Cauchi – l-Onor.Cauchi baghat ittra dwar l-istat li jinsab fih il-gnien li hemm f'Telghet Rahal Gdid hdejn il-klabb tal-Paola Wolves hdejn il-hajt tal-Habs u biex dan il-gnien jigi rrangat permezz ta' fondi mill-MEPA u biex dan il-gnien jigi msemmi ghal mibki Dr.Karl Chircop.

2.8.1 – Is-Sindku qal li hu jaqbel ma' dawn il-proposti, izda kull ma ghandna fondi €39,000 li mhumiex bizzejjed biex tirranga gnien.

2.8.2 – Il-Kunsillier Attard qal li tajjeb li naraw x'jista' jsir b'dawn il-fondi, anke jekk jigi rrangat.

2.9 – Ittra mill-iskrivan Kristan Zammit – Is-Sur Zammit baghat ittra fejn informa lill-kunsill li hu qed jirrizenja fl-ahhar ta' Settembru 2012 ghax ser ikompli bl-istudji tieghu minn Ottubru 2012. Hu rringrazzja lill-Kunsill tal-opportunita' u tal-esperjenza matul din is-sena ta' xoghol. Gie deciz biex nibdew il-procedura biex il-kunsill jaghmel sejha/applikazzjoni biex jigi mpjegat/a skrivan/a gdida.

2.10 – Ittra mill-Ghaqda Socjali Muzikali Kristu Sultan Banda Paola – Is-Sur Chris Ricca baghat ittra dwar l-attivita' Notte a Casal Paola li ser issir nhar is-Sibt 1 ta' Settembru 2012 f'isem il-Kunsill Lokali wkoll fejn gie spjegat id-dettalji ta' din l-attivita'.

2.10.1 – Il-Kunsillier Attard staqsa jekk skond il-ligi nistghux naghtu din l-ghajnuna.

2.10.2 – Is-Sindku qal li ser issir laqgha ma' din l-ghaqda nhar it-Tnejn 6 ta' Awissu 2012 fis-6.30pm dwar din l-attivita'.

2.11 – Saret diskussjoni dwar il-hasil tal-art ta' Lourdes u biex Jum Paola 2012 jigi ccelebrat n-naha ta' Lourdes nhar is-Sibt 18 ta' Awissu 2012 u n-naha ta' Kristu Re nhar is-Sibt 25 t'Awissu 2012.

2.12 – Il-Kunsillier Attard ippropona li ssir bankina n-naha l-ohra fi Triq il-Gdida skond il-permess ta' TM.

2.13 – Is-Sindku qal li t-tabelli biex ma jigix mitmugh il-hamiem huma lesti u li dawn ser jitwahhlu.

2.14 – Il-Kunsillier Muscat qal li hu rcieva hafna lmenti biex jissaqqew l-4 sigar tal-palm u sigra ohra li hemm fi Triq il-Gurbell. Is-Sindku qal li ser jiehu hsieb hu.

2.15 – *Hybrid Parks Dusseldorf* – Il-Kunsillier Attard qal li hu, s-segretarju, Dr Malcom Borg u l-Kunsillier Muscat ser isiefru dwar dan il-progett. Is-Segretarju qal li jrid jaqta' t-*tickets* ghal *flights*.

2.15.1 – Il-Kunsilliera Delezio dahlet ghal-laqgha fis-6.10pm.

## 3) <u>Jum Paola</u>

3.1 – Wara diskussjoni sar qbil li s-serata ta' Jum Paola 2012 issir nhar is-Sibt 25 t'Awissu 2012 fi Gnien Pawlu Boffa u li ser tintbaghat ittra lill-ghaqdiet kollha tal-lokal biex jinnominaw persuna/i ghal Gieh Paola 2012 u li n-nominazzjoniet jaghlqu nhar is-Sibt 10 t'Awissu 2012.

3.2 – Il-Kunsillier Lynch qal li ser jiehdu sehem St.John Ambulance, Girl Guides, stand tal-ikel, ser ikun hemm kant u hafna attivitajiet ohra ghat-tfal ukoll. Hu qal li l-*budget* ghal Jum Paola hu mhux aktar minn €1,000. Hu kompla jghid li ser isir palk zghir u li jonqos li jingieb is-sound ukoll u d-dawl.

3.3 – Il-Kunsillier Muscat issuggerixxa li nitolbu d-dawl u fustuni lill-kazin.

3.4 – Il-Kunsillier Axisa avza li peress li missieru kien jipprovdi s-servizz tas-*sound*, kull darba li ser jigi diskuss is-*sound* u missieru jitfa l-offerta, hu jkollu kunflitt ta' nteress u johrog 'l barra f'dawn id-diskussjonijiet.

3.5 – Saret diskussjoni dwar il-funtana fi Gnien Pawlu Boffa.

3.6 – Il-Kunsillier Muscat issuggerixxa li jekk il-funtana ma tahdimx u biex nhaddmuha tinvolvi hafna spejjes, naraw jekk naghmlux xi haga ohra minflok bhal plakek bl-ismijiet tal-kunsilliera tal-legislaturi ta' qabel.

**4) <u>Attivitajiet/Dekasteri/Hidma tal-Kunsill</u>**

4.1 – Dan l-item ser jigi diskuss f'laqgha ohra tal-kunsill.

**5) <u>Pagamenti</u>**

5.1 – Dan l-item ser jigi diskuss f'laqgha ohra tal-kunsill.

**6) <u>Aggornament</u>**

6.1 – Il-laqgha giet maghluqa fit-7.45pm u ser issir tkomplija tal-laqgha nhar it-Tnejn 20 t'Awissu 2012 fil-5.30pm.

Approvati llum ___________________________

| | |
|---|---|
| _______________ | __________________ |
| Kevin Borg | Roderick Spiteri |
| Segretarju | Sindku |